

IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2158**tal-14 ta' Diċembru 2020****li japprova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott ta' denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiki Protetti "Chabichou du Poitou" (DOP)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franza għall-approvazzjoni ta' modifika fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Chabichou du Poitou", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ⁽²⁾, hekk kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 159/2009 ⁽³⁾.
- (2) Permezz tal-ittra tal-4 ta' Diċembru 2018, l-awtoritajiet Franċiżi informaw lill-Kummissjoni li kienu ingħataw perjodi tranżitorji skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, ta' tul ta' żmien limitat ta' bejn sentejn u ħames snin, lil operaturi stabbiliti fit-territorju tagħhom li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu msemmi f'konformità mad-Digriet tas-7 ta' Novembru 2018 dwar l-emenda tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta "Chabichou du Poitou" ippubblikat fl-14 ta' Novembru 2018 fil-*Journal Officiel de la République française* ⁽⁴⁾. Permezz tal-ittra tat-28 ta' Jannar 2020, l-istess awtoritajiet ikkomunikaw it-test ta' Digriet ġdid tal-24 ta' Diċembru 2019 ippubblikat fl-10 ta' Jannar 2020 fil-*Journal Officiel de la République française* ⁽⁵⁾ li jemenda d-Digriet tas-7 ta' Novembru 2018 u l-ismijiet tal-operaturi li jibbenefikaw minn dan il-perijodu tranżitorju. Il-lista tal-operaturi hija annessa mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott. Matul il-proċedura nazzjonali ta' oppożizzjoni, dawn l-operaturi li kienu kummerċjalizzaw legalment il-"Chabichou du Poitou" b'mod kontinwu għal mill-inqas ħames snin qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni, kienu ressu oppożizzjonijiet. Żewġ operaturi ressu oppożizzjoni dwar id-dispożizzjoni li ġejja: Intestatura "Metodu ta' produzzjoni": "It-taqir minn qabel tal-baqta huwa pprobit.". Żewġ operaturi ressu oppożizzjoni dwar id-dispożizzjoni li ġejja: L-intestatura "Deskrizzjoni tal-prodott": "Il-"Chabichou du Poitou" huwa magħmul esklussivament mill-ħalib [tal-mogħoż] mhux ipproċessat [u sħiħ] u l-intestatura "Metodu ta' produzzjoni": "Il-ħalib użat huwa ħalib tal-mogħoż mhux ipproċessat.". Mitt operatur ressu oppożizzjoni dwar id-dispożizzjoni li ġejja: Intestatura "Metodu ta' produzzjoni": "Tal-anqas 75 % tar-razzjon annwali tal-mogħoż għandu jiġi miż-żona ġeografika, jiġifieri 825 kg ta' materja niexfa għal kull mogħża fis-sena.". Tmintax il-operatur ressu oppożizzjoni dwar id-dispożizzjoni li ġejja: Intestatura "Metodu ta' produzzjoni": "Ir-razzjon huwa magħmul minn tal-anqas 55 % foraġġ jiġifieri 605 kilogramma ta' materja niexfa għal kull mogħża fis-sena". Sitta u tmenin operatur ressu oġġezzjoni dwar id-dispożizzjonijiet li ġejjin tal-intestatura "Metodu ta' produzzjoni": "Ir-razzjon supplimentari għandu jkun fih mill-inqas 150 kilogramma jew 30 % ta' ċereali u/jew żrieragħ żejtnin u/jew għelejje li fihom il-proteini miż-żona ġeografika.", u "Ir-razzjon għal kull mogħża fis-sena għandu jkun fih tal-anqas 200 kilogramma ta' materja niexfa f'forma ta' nifel jew għelejje tal-legumi, li jkunu ġejjin miż-żona ġeografika." u "Il-foraġġi jiġu prodotti kollha fiż-żona ġeografika."
- (3) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda, kif meħtieġ skont l-Artikolu 50(2)(a) tal-istess Regolament, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁶⁾.
- (4) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata,

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiki u denominazzjonijiet ta' oriġini taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1).⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 159/2009 tal-25 ta' Frar 2009 li japprova emendi minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiki protetti (Chabichou du Poitou (DPO)) (ĠU L 53, 26.2.2009, p. 8).⁽⁴⁾ *Journal Officiel de la République française*, Nru 0263 tal-14 ta' Novembru 2018, test Nru 36.⁽⁵⁾ *Journal Officiel de la République française*, Nru 0008 tal-10 ta' Jannar 2020, test Nru 35.⁽⁶⁾ ĠU C 251, 31.7.2020, p. 22.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, li tikkonċerna d-denominazzjoni "Chabichou du Poitou" (DOP), hija b'dan approvata.

Artikolu 2

Il-protezzjoni mogħtija skont l-Artikolu 1 hija soġġetta għall-perjodu tranżitorju mogħti minn Franza skont l-Artikolu 15 (4) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 lill-operaturi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dak l-Artikolu, wara d-Digriet tas-7 ta' Novembru 2018 u tal-24 ta' Diċembru 2019 dwar l-emenda tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-Denominazzjoni ta' Orìġini Protetta "Chabichou du Poitou" ippubblikati rispettivament fl-14 ta' Novembru 2018 u fl-10 ta' Jannar 2020 fil-*Journal Officiel de la République française*.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membri tal-Kummissjoni
